# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Philip Bezzina**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Philip Bezzina**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 125359M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fl-14 ta' Lulju 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data ġewwa l-garaxx bl-isem "Chris Garage" fi Triq is-Sindku P. Vella Ħaż-Żebbuġ : -

(a) ħaddem jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lid-detenturi tal-fond "Il-Ġardina", Triq is-Sindku P. Vella, Ħaż-Żebbuġ u nies li joqgħodu fil-bini fil-qrib;

(b) u aktar talli fl-istess data, ħin u lok fil-garage tiegħu li jinsab fl-imsemmija triq ħaddem jew eżerċita attivita' kummerċjali mingħajr ma kellu l-permess maħruġ mill-awtorita' kompetenti.

Rat id-dokumenti eżebiti, inkluż ir-relazzjonijiet tal-espert tekniku Professur Joseph Agius;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:-***

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni l-imputat għandu raġun. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-estremi kollha tar-reat kontestat lill-imputat. Għaldaqstant il-Qorti sejra tilliberah minn kull ħtija u piena relattivament għat-tieni imputazzjoni.

Illi kwantu għall-ewwel imputazzjoni pero, din il-Qorti ssib li minn dak li ġie mistqarr mill-parte ċivile jirriżulta li l-ħsejjes li ġew ġenerati u li u minn dak li ġie verifikat mill-Professur Aġius fuq il-post jirriżulta li hawnhekk si tratta ta' ħsejjes ta' irrejżjar ta' muturi, tħaddim ta' magni u kumpressur. Ġie mistqarr ukoll li kien hemm ħsejjes kaġunati minn tħaddim ta' ħojst. Dawn kollha ġew indirizzati fir-relazzjoni tal-Professur Aġius għall-aħjar istruzzjoni tal-Qorti u wkoll tal-partijiet.

Jirriżulta pero li skont kif mistqarr mill-parte ċivile, dawn il-ħsejjes ma kienux isiru fil-ħinijiet ta' bil-lejl.

Issa l-prosekuzzjoni għażlet li taddebita lill-imputat bir-reat li skont ma hemm imsemmi fil-komparixxi jirriżulta li huwa msejjes fuq l-Artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li dan huwa konċess mill-partijiet kollha f'dan il-każ. Issa d-diffikulta li l-Qorti tirraviża huwa preċiżament kemm il-Prosekuzzjoni setgħet taddebita dan ir-reat lill-imputat (a differenza ta' reat/i ieħor li setgħa kien aktar korrett fiċ-ċirkostanzi tal-każ).

L-Artikoli 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta r-reat fejn : -

**41.** (1) Ħadd ma jista' jsamma' jew idoqq strument tal-mużika jew strument ieħor li jagħmel ħoss, jew igħanni, jew, sabiex ibiegħ fit-toroq, ibiegħ, iqassam jew ixandar xi oġġett, igħajjat fi triq, f'ħanut jew f'lok pubbliku ieħor, wara li jkun ġie mwissi biex ma jissoktax mid-detentur jew mill-persuna li tkun toqgħod f'bini fil- qrib, minħabba l-mard ta' persuna f'dak il-bini jew għal xi raġuni oħra tajba, jew wara li jiġi hekk imwissi mill-Pulizija.

(2) Ħadd ma jista' -

1. (*a*) fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew
2. (*b*) f'kull bini ieħor,

billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem *loud speaker*, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib.

Hawnhekk il-Liġi hija ċara u tibda biex tippenalizza sitwazzjonijiet ta' ħsejjes ġenerati minn strumenti mużikali, jew strumenti oħra li jagħmlu ħoss jew saħansitra għana jew għajjat ieħor marbut ma' xi

attivita' ta' bejgħ fit-toroq. L-istess Artikolu jkompli fis-sub inċiż numru 2 fuq l-istess livell ta' ħsieb u fattispeċje billi jipprojbixxi f'ħanut, fi triq jew f'post pubbliku ieħor jew f'kull bini ieħor it-tħaddim ta' *loud speaker,* gramofon (jekk għadhom jeżistu!), amplifikatur jew strument **bħal dawn** billi jagħmel jew iġiegħel illi jagħmel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu f'bini fil-qrib.

Issa hawnhekk il-Qorti ssibha diffiċli biex, bil-fatti pruvati f'dan il-każ, tasal li tikkonkludi li l-imputat kien qiegħed juża xi wieħed minn dawn l-istrumenti jew makkinarji imsemmija fl-Artikolu 41(2) jew li saħansitra tinterpreta dan l-Artikolu u s-subinċiż li jinkludi wkoll fil-qafas ta' dawk l-istrumenti hemmhekk imsemmija l-irrejżjar ta' muturi, tħaddim ta' kumpressur jew ħsejjes ta' magni. Evidentement bir-regola tal-*eiusdem generis* din il-Qorti ma tistax tasal li twessa' l-interpretazzjoni ta' din il-Liġi għal dak li qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni u l-parte civile f'dan il-każ mingħajr ma tispiċċa biex tiżnatura t-tifsira naturali u loġika tal-istess Artikolu 41 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-banda l-oħra ladarba ma ġiex pruvat soddisfaċentement li l-imputat kien qiegħed jeżegwixxi attivita' kummerċjali mill-fond de quo ma jistax jiġi misjub ħati taħt id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 10(1), 17, 18(1) tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta kif

ukoll ir-regolamenti numri 13, 53, Taqsima II tal-Ewwel Skeda 50.2 u l-02 tat-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 1 tal-2006.

Mill-mod speċifiku immens ta' kif inhi redatta l-imputazzjoni l-anqas ma tista din tittratta l-imputazzjoni bħala sempliċiment indikattiva ta' reat li jista' jirriżulta ta' kompetenza ta' din il-Qorti (bħal per eżempju l-inkonvenjent li jirreka fastidju) in kwantu kieku kellha tittratta l-komparixxi b'dan il-mod, verament li l-imputat ma kienx ikun f'qagħda li jiddefendi ruħu sewwa stante li huwa bl-ebda mod kemm fil-provi kif ukoll fil-fażi ta' sottomissjonijiet ma ġie indirizzat sabiex iwieġeb għal tali eventwalita'.

In definittiva fid-dawl tal-mod kif ġie mixli l-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni din il-Qorti ma tistax issibu ħati tagħha

***Deċide : -***

Li in vista ta' dak kollu premess din il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.

*Mogħtija illum il-11 ta' Diċembru 2015, Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

***Aaron M. Bugeja***